MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## VERONICA GALEA DEBONO

Seduta tal-15 ta' Ottubru, 2010

Talba Numru. 69/2010

Allcare Insurance Agency Limited (C8185).

Vs

Charles Mangion.

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici qed titlob il-hlas tas-somma ta' elfejn, tmien mija u tmien ewro u disgha u ghoxrin centezmu (€2808.29) minghand il-konvenut, rapprezentanti hlas dovut minnu ta' poloz ta' assikurazzjoni maghmula ghan-nom tieghu u mhallsa lill-underwriter ghan-nom tieghu mis-socjeta' attrici. Bl-ispejjes ta' din il-procedura, u bl-imghax bir-rata ta' ghaxra punt hamsa fil-mija per annum (10.5%) skond is-sub titolu 1A tal-Kodici tal-Kummerc, mid-data tal-istanti sal-hlas effettiv.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-

terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta’ attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondieh, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta’ attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba, u jikkundanna l-konvenut ihallas is-somma ta’ elfejn, tmien mija u tmien ewro u disgha u ghoxrin centezmu (€2808.29), bl-imghax kif mitlub fl-Avviz. L-ispejjez kollha tal-kawza ghandhom jigu ssopportati mill-konvenut.

**Av. Veronica Galea Debono**
**Gudikant.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------